# AĦNA SINJURI*

*J.J. Camilleri*

Sas-sittinijiet, ir-rumanz Malti baqa' wieħed tradizzjonali. Bażikament kien rumanz storiku għax il-kittieba tradizzjonali ppreżentaw l-eroj storiku fi sfond storiku. Bilkemm ukoll ma gglorifikawx il-passat kolonjali. Influwenzati żżejjed kif kienu minn sentimenti qawwija reliġjużi, nazzjonali u patrijottiċi ma esprimewx ruħhom bi ħsibijiet għal kollox ħielsa u indipendenti, l-aktar meta naqsu li janalizzaw il-preżent li fih għexu bil-problemi soċjali u politiċi tiegħu. Riżultat ta' dan kollu kien li ma setgħux ma jsibux irwieħhom magħluqin f'ċirku ta' konvenzjoni. Ma nistgħux iżda ngħidu li Ġużè Muscat Azzopardi u Anton Manwel Caruana, l-ewwel esponenti tar-rumanz storiku, injoraw għal kollox aspetti ta' natura politika u soċjali, iżda waqt li investigaw il-passat ħarbu l-preżent. Bir-rumanzi ta' Ġ. Aquilina u Ġino Muscat Azzopardi, is-sitwazzjoni baqgħet bejn wieħed u ieħor waħda statika u bażikament storika. Fl-intervall żvillupaw ir-rumanzi gotiċi, fosthom dawk ta' Arturo Caruana, A.E. Borg u Ġ. Cumbo. Dawn hejjew it-triq biex wieħed jibda jinnota t-tbatijiet soċjali u ambjentali. Sar żvillup bil-kitbiet ta' Ġużè Chetcuti u Frans Ebejer għaliex dawn ħarsu lejn is-soċjetà ta' żmienhom b'enfasi fuq ir-realiżmu. Iżda billi baqgħu ma ndaħlux u identifikaw irwieħhom, ir-realiżmu tagħhom baqa' wieħed oġġettiv. Ir-rumanzieri riformisti bħal Ġ. Ellul Mercer, Ġużè Bonnici u Ġwann Mamo kienu l-osservaturi kritiċi li talbu inkjesti tal-problemi. Iżda l-istħarriġ ta' dawn baqa' wkoll oġġettiv. Il-moviment li daħal fil-qalba tar-relazzjonijiet soċjali u li tkellem ċar u mingħajr ekwivoċi sab l-esponenti tiegħu fis-sittinijiet bil-kitbiet ta' J.J. Camilleri, Lino Spiteri u Frans Sammut. Bir-raġun li dak il-moviment tqies bħala wieħed rivoluzzjonarju.

*Aħna Sinjuri* (1965) jitqies l-ewwel rumanz soċjo-politiku modern, "dawl ġdid, arja friska fuq tradizzjoni twila u għanja, iżda eżawrita, ta' rumanzi storiċi." L-awtur mhux biss ikkommetta ruħu soċjalment meta ttratta l-aspetti tal-ħajja Maltija, il-mard gravi tas-soċjetà u r-

* Dan l-artiklu ntbagħat mill-awtur bi tweġiba għal għadd ta' mistoqsijiet li sarulu mill-edituri.

relazzjoni bejn il-klassijiet, iżda wkoll għax, għall-ewwel darba, l-awtur ma tigħemx il-kliem u ssogra meta tkellem daqshekk bil-miftuħ u b'dak il-għadab.

**Kritika**

"*Aħna Sinjuri* għandu fih biżżejjed biex il-qarrej jieqaf jaħseb ftit fuq dak li għandu xi jgħid J.J. Camilleri dwar Malta u niesha ta' żmienna. Ried imiss il-polz; jiftaqad il-ħajja ta' mdawaru; jara x'radda qed jaqbad il-moħriet fix-xogħol ta' kuljum; ried jistqasi: x'inhu u għalfejn dan kollu li nara u nħoss madwari?"

*Il-Malti*

"F'*Aħna Sinjuri* l-ewwel rumanz ' ta' għadab bil-Malti', J.J. Camilleri jesplora l-ġlieda bejn il-klassijiet f'Malta, il-ħakma ta' reliġjożità reazzjonarja fuq taqsimiet sħaħ tal-popolazzjoni..."

*Problemi ta' Llum*

"J.J. Camilleri is the novelist who has come closest to ending the dichotomy. His *Aħna Sinjuri* dealt with most aspects of Maltese life and went uninhibitedly to the core of social relations, using individual characters as representatives of social classes. It was the first, and still the only modern socio-political novel."

Lino Spiteri – 'Maltese Literature Dichotomy'

Kritika aktar reċenti tippreferi tfittex dak li jitqiesu bħala d-difetti tar-rumanz u telabora fuqhom. Il-kritika ewlenija hija li l-valur letterarju tar-rumanz jinħonoq mid-dettalji żejda li m'għandhomx x'jaqsmu mal-ġrajja u għalhekk hemm devjazzjoni, kummenti żejda, deskrizzjonijiet twal. Imħabba dawn ir-raġunijiet l-awtur huwa ppreżentat bħala l-awtur-alla, jew dittatur illi fl-omnipotenza tiegħu "jidher xi filosfu, għalliem, moralista, predikatur, surmast, profeta, qassis, konfessur jew teologu." Għalhekk il-preżenza tiegħu tinħass il-ħin kollu u tikkontrolla lill-qarrejja. Kritika oħra serja hija illi n-narrattiva ta' bixra analitika tagħti aktar importanza lill-azzjoni, illi din tidħol skond il-bżonn u biex taqdi lill-kittieb, milli lill-karatterizzazzjoni. Il-karattri, skond il-kritiku, huma manipulati mill-awtur għax jilgħab bihom kif irid hu. Igħid ukoll li hemm enfasi fuq il-kumbinazzjoni u l-fataliżmu u li l-interventi ma jħallux lill-qarrej bil-kurzità għax jispjegaw wisq. Madanakollu, il-kritiku ma janalizzax ir-rumanz fl-isfond tiegħu ambjentali u fil-kuntest ta' l-iżvilupp storiku tar-rumanz Malti.

Charles Briffa, *Neo*, Diċembru, 1990

Fil-qasam letterarju hemm wisgħa għall-opinjonijiet differenti u għalhekk sewwa wieħed janalizza kull kritika li ssir u jiddeċiedi meta l-kritika tkun kostruttiva, distruttiva jew jekk din issirx b'ċerta aggressività. Kull kittieb, bħal kull artist ieħor, jesprimi ruħu bl-istil tiegħu u m'hux ristrett b'normi u ideat ta' ħaddieħor. Qatt m'hemm lok illi moħħ jippredomina fuq ieħor.

## 'Genre' Ġdid

Il-ġrajja f'*Aħna Sinjuri* m'hix waħda kumplikata, iżda tieħu d-drammatiċità tagħha sew sew għaliex hija sempliċi u realistika u għaliex il-kittieb xtaq iġiegħel lill-qarrejja jaħsbu meta ttrattahom bħala qarrejja intelliġenti. Ma kellux għalfejn, u fil-fatt lanqas ma pprova jkun didattiku u jimponi ruħu. Dwar l-istil biżżejjed wieħed jinnota l-kelma u l-idjoma mexxejja, l-importanza li tingħata lid-djalogar, l-użu ta' xi kliem tekniċi, id-deskrizzjonijiet u l-kummenti qosra, l-atmosfera u l-kulur lokali wżat bħala sfond, il-bini tal-karattri u l-eliminazzjoni ta' l-eroj tradizzjonali.

X'inhuma l-elementi li jagħmlu r-rumanz '*genre*' ġdid?

L-ewwel ħaġa wieħed irid iżomm quddiem għajnejh illi sa dak iż-żmien il-kittieba Maltin donnhom beżgħu li jaljenaw jew joffendu s-sentimenti ta' l-ordni stabbilita. Imħabba dik il-prudenza kienu selettivi fl-għażla tat-temi u għalhekk limitati fl-ideat. *Aħna Sinjuri* ma baqax limitat u mal-pubblikazzjoni tiegħu, il-proża Maltija kellha għax theżheż is-sisien politiċi u reliġjużi li fuqhom hija mibnija s-soċjetà għax għall-ewwel darba tkellmet bla ħabi u fil-miftuħ u kixfet l-ipokresija li eżiżtiet f'dawk l-oqsma. Ir-rumanz soċjo-politiku ġdid kiser it-tradizzjoni, tbiegħed mill-konformità u l-kompromess imdorrijin bihom. Mal-pubblikazzjoni tiegħu bdiet isseħħ ukoll bidla fl-atteġjament tal-kittieba l-ġodda.

Jitqies ukoll ġdid għaliex il-kittieb *issensibbilizza ruħu ma' l-ispirtu taż-żmien (zeizgest)* u għalhekk l-evoluzzjoni ma saritx b'mod artifiċjali. Kif igħid fid-daħla tar-rumanz, huma l-ħaddiema u l-foqra u l-ħajja ta' kuljum ta' madwarna li jagħmlu l-istorja tal-pajjiż u li din hija daqshekk ieħor u mhux anqas eċċitanti "mill-ġrajjiet tat-Torok , tal-Furbani u tal-Kavallieri." L-ispirtu taż-żmien jintrabat ukoll ma' l-ambjent, mal-kultura u għalhekk il-protagonisti jgħixu ħajjithom sew sew fl-ambjent ta' żmienhom – it-taqlib politiku, il-livell baxx ta' għajxien u l-kundizzjonijiet ħżiena soċjali, it-taqtigħ ta' qalb fuq ix-xogħol, l-isfruttar tal-ħaddiema, l-inganni u l-imbrolji li jherru s-soċjetà. Għalhekk il-ġrajja fir-rumanz hija ambjentata f'naħat

mhux tradizzjonalment imdorrijin bihom. Mill-aspett ta' l-*ambjent*, p.e. l-isfond tat-tarzna, ir-rumanz huwa wkoll ġdid. Din il-forma ta' kitba ġdida hija wkoll ikkaratterizzata bis-sinċerità u bl-espressjoni persunali għaliex il-kittieba l-ġodda huma sensittivi u għax iżommu għajnejhom miftuħin ma jistgħux ma jkunux kritiċi. Il-kittieb għandu wisq xi jgħid, aktar milli jtenni nisġa ta' ġrajja. It-temi tar-rumanz jaslu għand il-qarrejja permezz ta' l-imġiba, tal-kummenti, u tad-djalogar tal-karattri u fl-isfond ta' l-ambjentazzjoni lokali.

**Ambjentazzjoni**

L-atmosfera fl-isfond ta' ambjent mhux tas-soltu li fih iseħħu l-ġrajjiet hija karatteristika oħra tar-rumanz. Għall-ewwel darba nsibu l-kwadru tat-tarzna, bil-ħwienet tax-xogħol, bl-uffiċini u l-irkejjen tagħha. Tinħass l-atmosfera taż-żminijiet ta' bidla, it-theddid tas-sensji, ta' inkwiet industrijali u attività trejdunjonistika. Il-ġrajja sseħħ mit-Teatru Manoel, għall-funderija, għall-fabbrika ta' Ġorġ, teħodna fil-port waqt il-ħatt tal-merkanzija fi żmien il-gwerra waqt attakk mill-ajru, fuq il-luzzu għal sajda qrib Filfla. Il-festa parrokkjali, nhar l-Imnarja fil-Buskett, fuq il-lanċa tal-kuntrabandu, il-ħajja fil-kerrejja, il-mewt tat-tifel Twannie u inċidenti oħra għandhom lewn lokali.

**Il-karattri**

Il-karattri jistgħu jitqiesu bħala tipi, la suwed ħafna u lanqas bojod iżżejjed. Ninu Pulis, p.e., jitbiegħed mill-forma ta' l-eroj tradizzjonali. Imkien ma niltaqgħu ma' l-eroj ideali għaliex l-imġiba tiegħu tinbidel il-ħin kollu maċ-ċirkustanzi li jinqalgħu. Jiġu waqtiet li jsir bniedem ieħor. Min igħix f'soċjetà mħawda, min jiddependi minn ħaddieħor u min jiġi wiċċ imb'wiċċ mat-tentazzjoni ftit li xejn jista' jkun eroj. Il-bniedem jista' jirreżisti, jista' f'ċerti waqtiet ikun ukoll eroj, iżda jista' wkoll iċedi u jaqa' meta jsib ruħu fit-tiġrib. Ninu Pulis, Marija, it-tabib Fredu u l-oħrajn kollha huma umani, ħajjin, nies tad-demm u l-laħam. Jekk juru inkonsistenza fl-imġiba tagħhom għaliex huma karattri realistiċi. Ninu fil-bidu tal-ġrajja m'hux Ninu tat-tmiem, lanqas Dun Anġ Chircop ma jżomm it-tradizzjoni tal-qassis sempliċi u impekkabbli mdorrijin biha. Hu stess jistagħġeb u jintebah li d-dinja m'għadhiex li kienet meta jgħid: "Fiex wasalna biex tkellmu qassis hekk?"

Ta' min jinnota li l-karattri jimponu rwieħhom wieħed fuq l-ieħor, ħadd minnhom m'hu iżolat, u jinfluwenzaw dak li jiġri matul il-ġrajja fil-kumpless tagħha. Donnhom ukoll jipproġettaw irwieħhom fi gruppi.

Hekk, p.e., hemm il-ġemgħa tal-Kaċiċċlu, iddominata minn Pawlu Mifsud innifsu u tinkludi l-ħawwada, bħal uliedu, Ġorġ u Indri, lil Turu u lil Kelinu. Dawn ikaxkru wrajhom u jinfluwenzaw lil Marija, u lil żewġha t-Tabib Fredu. Hemm imbagħad il-ġgajta moderata ta' Ninu li fiha nsibu lil Dwardu, lil Wiġi, lill-familja ta' Xandru. Hemm ukoll gruppi oħrajn, bħal dak tat-tarzna b'Valerju, Koli u Deidun.

**Problemi**

Il-ġrajja hija fuq kollox waħda ta' mħabba. Hemm l-imħabba leċita u sabiħa kif issimbolizzata fl-imġiba ta' Xandrina, hemm dik illeċita riżultat taċ-ċirkustanzi u d-destin li tiżvillupa fil-marda moderna tat-'trianglu'. Marija u Ninu jiltaqgħu fil-maltemp u dan ma jawguralhomx tajjeb għall-ġejjieni. Imħabbithom tibqa' bħal blanzun bla ma jwarrad. Hemm għadd ta' raġunijiet għal dan il-falliment, fosthom l-istess karattru tat-tfajla. Sabiħa, imħajma, ma jonqosha xejn, iżda ma tafx x'inhu tajjeb għaliha u sew sew xi trid. Ninu jipprova jiġġustifika ruħu għall-imġiba tiegħu għax għalih hemm imħabba bla żwieġ. Igħid illi l-hena ma tinbeniex fuq il-liġijiet, fuq l-użanzi u l-preċetti. Għalhekk ma jaċċettax il-kundanna tad-dinja għaliex Alla biss jagħmel il-ħaqq.

Hemm ittrattata l-problema ta' l-artifiċjalità. Marija tispiċċa miżżewġa lit-tabib Fredu, li tassew iħobb lil martu iżda jirreċita l-parti ta' 'aħna sinjuri' biex ikun jista' jgħammex u jżommha mal-klikka tas-sinjuri. Jispiċċa l-ħabs ħtija ta' dan. Ninu jiżżewweġ lil Xandrina. Hija tħobbu, hu ma jħobbhiex. Marija u Ninu jerġgħu jintebħu b'xulxin, iżda jibqgħu mnikktin. L-istess ġralu l-Kaċiċċlu. Twieled fqir, bis-sogru u bl-opportunitajiet li nqalgħu sar sinjur. Bħala sinjur mill-ġodda seta' nbidel fil-bixra ta' barra, iżda baqa' sew sew ir-raġel goff f'imġibtu, fil-karattru tiegħu, u fil-mod kif jaħsibha.

L-awtur juri li joffendi ruħu bil-kilba ta' l-ispekulaturi, bl-imġiba ta' min hu prepotenti, bl-injurant f'impjiegi għoljin, bil-korruzzjoni u bil-bażużli. Hemm għadd ta' eżempji li juru kif tħabbat il-qalb tal-kittieb. Ta' min isemmi l-inċident ta' Fidiel u missieru li waqgħu vittma ta' l-ispekulaturi, ta' Xandru Bugeja li ċċaħħad mid-dar li kienet tmiss lilu b'mod skandaluż, l-indħil tas-Surġent Manġjun li ried sehemu, il-mod kif l-awtoritajiet ittrattaw mal-korrispondent Ingliż li kellu mnieħru twil u għamel mistoqsijiet imbarazzanti.

Hemm temi oħrajn li ġew itrattati b'mod aktar indirett. Xandru u martu jirrassenjaw ruħhom mal-faqar u jqisuh biċċa minn xortihom. Il-fqir għandu dellu tqil u n-niket jiġri warajh. Dik it-tema li l-fqir tista'

biss tgħinu billi tagħtih il-karità għax il-faqar ma jistax jinqered, kienet sa ftit ilu waħda aċċettata u wkoll reliġjuża. Xandru ħarab mingħalih il-faqar tiegħu billi emigra.

Hemm ir-referenza għad-destin, l-'*ate*' jew il-ġenn li l-allat Griegi kienu jiddilettaw bih. Il-bniedem ma jgħixx ħajtu kif ifassalha hu. Bosta drabi huma ċ-ċirkustanzi, u n-nies li tagħmilha magħhom li jiddeterminawhielek. Hekk ġralhom Ninu u Marija.

Il-flus iġibu magħhom is-setgħa u s-setgħa tikkorrompi. Pawlu Mifsud u wliedu jaħsbu li d-dinja saret tagħhom. Is-sur Ġorġ jipprofitta ruħu mit-tfajliet li jaħdmu miegħu fil-fabbrika, il-Kurunell Vella jiddetta x'għandu jsir mill-ħaddiema li weħlu l-ħabs, is-sur Fons iħammem kif jista' jsir sinjur mingħajr ħafna taħbit.

Il-folklor m'hux element importanti tar-rumanz bħalma hu f' *Il-Għar Tax-Xitan*. Iżda hemm referenzi li jagħtu lill-ġrajja kulur lokali. Bħala eżempju, ta' min isemmi n-nies ħerġin mill-bieb tat-tarzna, il-laqgħa ta' Ninu u Marija ma' Dun Anġ fis-sagristija, iż-żjara f'San Ġwann, is-serata fit-teatru, it-tiswija tal-luzzu fuq ix-xatt.

Ta' min jistaqsi jekk dak li ħammem l-awtur snin ilu b'sens realistiku aktar milli sentimentali meta qal li jifraħ jekk il-ħoss ta' sider Malta jkun qawwi u bla serħan u jitbeżża' meta jinstema' mitfi, maqtugħ u għajjien, għadux igħodd u jagħmilx aktar sens għaż-żminijiet tal-lum.

J.J. CAMILLERI, M.A., formerly an Education Officer, is the author of *Aħna Sinjuri*, and numerous other works of Literary, critical and historical nature.